**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 1**

**Rikors Maħluf Numru 166/2019 NC**

**John Attard Montalto u martu Josephine Attard Montalto, Michael Attard Montalto u martu Maria Therese sive Maryse Attard Montalto, kif ukoll Adrienne Attard Montalto u b'digriet datat 9 ta' Novembru 2021 Michael Attard Montalto u Maria Therese sive Maryse Attard Montalto ġew estromessi mill-kawża u bl-istess digriet tad-9 ta' Novembru 2021 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem l-istess John Attard Montalto u Josephine Attard Montalto wara l-mewt ta' Adrienne Attard Montalto**

**vs.**

**Daniel Fleri Soler u martu Angela sive Angie Fleri Soler u Advent Lifts Services Limited**

Illum 14 ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-atturi John u martu Josephine konjuġi Attard Montalto, Michael u martu Maria Therese sive Maryse

konjuġi Attard Montalto, u kif ukoll Adrienne Attard Montalto (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fl-20 ta' Frar 2019 li jgħid hekk:

*"1. Illi l-esponenti huma s-sidien tal-appartament numru 1 fil-blokk ta' appartamenti mmarkat bl-ittra A, liema blokk ta' appartamenti għandu n-numru 19 fi Triq Mac Iver, Ta' Sliema liema appartament huwa formanti minn korp ta' diversi appartamenti fosthom l-appartament numru 8 li huwa fil-pussess tal-intimati.*

*2. Illi reċentement l-intimati Fleri Soler permezz tal-kuntrattur Advent Lift Services Limited għamlu xogħolijiet fit-taraġ komuni tal-istess korp ta' appartamenti billi qattgħu l-istess taraġ u ħejjew l-infrastruttura għall-installazzjoni ta' passenger lift.*

*3. Illi t-tqattigħ tat-taraġ beda mis-sular ta' fuq nett u meta wasal fil-livell tal-appartament tal-esponenti li qiegħed fuq elevated groundfloor, l-esponenti ġew limitati severament fl-aċċess tagħhom għall-appartament tagħhom b'mod illi minn aċċess komdu issa lanqas jkun hemm spazju biex jgħaddi wheelchair jew pram fl-aċċess għall-bieb tal-appartament tagħhom.*

*4. Illi l-esponenti opponew bil-qawwa għal dawn ix-xogħlijiet fil-partijiet komuni tal-blokk ta' appartamenti iżda l-intimati komplew nonostante tali oppożizzjoni u dan minkejja korrispondenza u protest ġudizzjarju ppreżentat fil-5 ta' Settembru 2018.*

*5. Illi l-esponenti kienu għamlu żmien twil jipprovaw jikkonvinċu lill-intimati illi hemm alternattivi oħrajn u inqas gravużi ta' kif jista' jsir lift fil-korp tal-appartamenti iżda l-intimati assolutament ma ridux jisimgħu b'dawn l-alternattivi.*

*6. Illi minkejja li passenger lift jista' jiġi installat bil-vot tal-maġġoranza tal-condomini ta' blokk ta' appartamenti a' tenur tal-Artiklu 8(2)(ċ) tal-Kap. 398 Liġijiet ta' Malta*[1]*, dan id-dritt ma jissusstix meta x-xogħlijiet li hemm bżonn isiru jbiddlu l-*

[1] Condominium Act.

*estetika u decor tal-condominium u/jew jaffetwaw serjament l-użu jew it-tgawdija tal-partijiet komuni f'liema każ hemm bżonn il-kunsens unanimu tal-condomini kollha. Dan hu a tenur tal-Artikolu 8(3)(a) u (b) tal-istess Kap. 398.*

*7. Illi x-xogħlijiet kontemplati mill-intimati huma ta' preġudizzju serju għall-esponenti.*

*8. Illi l-esponenti kienu talbu w ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati bin-numru 1426/18NC bid-data 8 ta' Ottubru 2018 u l-partijiet kienu ftehmu għal diversi xhur li jiġi estiż iż-żmien biex l-esponenti jipproċedu ulterjorment biex il-mandat jibqa' in vigore. Dan sabiex tiġi esplorata soluzzjoni oħra aċċettabbli għall-partijiet kollha. Iżda ma kien hemm ebda eżitu pożittiv, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*9. Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett kollu li din l-Qorti:*

*a) Tiddetermina illi x-xogħlijiet kontemplati u mibdija mill-intimati fl-installazzjoni ta' passenger lift permezz tal-kuntrattur tagħhom joħolqu preġudizzju serju lill-esponenti f'dak li hu aċċess għal appartament tagħhom.*

*b) Konsegwentement tiddikjara li dawn ix-xogħlijiet ma jistgħux isiru u jitkomplew mingħajr il-kunsens u approvazzjoni tal-esponenti.*

*ċ) Tikkundanna lill-intimati jirrintegraw lill-esponenti fid-drittijiet kollha tagħhom billi jagħmlu x-xogħlijiet kollha neċessarji biex l-esponenti jkollhom l-istess aċċess għall-appartament tagħhom li kellhom qabel ma bdew ix-xogħlijiet jew li jnaqqsu l-wiesa' tal-passenger lift b'tali mod li l-aċċess għall-appartament tal-esponenti jkun imnaqqas biss għal disgħin ċentimetri (90ċm), u għalhekk jassikuraw l-istatus quo ante fi żmien qasir u perentorju li tistabilixxi dina l-Qorti jekk hemm bżonn taħt id-direzzjoni ta' perit arkitett.*

*d) Fil-każ li jgħaddi z-żmien mogħti inutilment, tawtorizza lill-esponenti jagħmlu x-xogħlijiet neċessarju huma stess spejjez tal-intimati.*

*e) Bl-ispejjeż u bis-subizzjoni tal-intimati nġunti minn issa għas-subizzjoni."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti Daniel u martu Angela sive Angie konjuġi Fleri Soler (*a fol.* 11 *et seq.*) ippreżentata fis-6 ta' Mejju 2019 fejn jingħad hekk:

*"1. Illi preliminarjament l-esponenti jeċepixxu li din il-kwistjoni hija waħda relatata ma' condominium u b'hekk kull vertenza għandha tiġi sollevata quddiem Arbitraġġ u mhux quddiem il-Qrati Ordinarji u dan ai fini tal-Att Dwar L-Arbitraġġi, Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għal dak espost, it-talbiet kif dedotti mir-rikors promotur għandhom jiġu miċħuda kollha bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u dana peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-każ.*

*3. Illi l-esponenti huma s-sidien tal-appartament numru 8A fil-blokka numru 19, McIver Flats, ġewwa Triq McIver, Qui-si-sana, Sliema, u dan kif jirriżulta skont il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Clyde La Rosa, datat it-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988).*

*Illi l-esponenti jirrisjedu f'dan il-fond hawn fuq indikat.*

*4. Illi għandu jiġi osservat li s-Sinjura Angela Fleri Soler issofri mill-marda li hija magħrufa bħala "Mueller-Weiss Syndrome", a kawża ta' liema l-għadam ta' riġlejha jitilfu ċ-ċirkolazzjoni tad-demm u jibdew jiddeterjoraw, jinkisru u jitfarrku, bil-konsegwenza li l-esponenti kellha tagħmel diversi operazzjonijiet u interventi sabiex jippruvaw jgħinuha kemm jista' jkun tibqa' mobbli u jnaqqsu ftit l-uġigħ kontinwu.*

*5. Illi a kawża tal-istess marda s-Sinjura Fleri Soler ġiet ikkwalifikata bħala persuna b'diżabilita' mill-Kummissjoni tal-Persuni b'Diżabilita'.*

*6. Illi oltre dan, fil-mori ta' din is-saga, il-persuna ta' Angela Fleri Soler kellha deterjorazzjoni tas-saħħa tagħha li kompliet*

*taggrava l-istat fisioloġiku tagħha u dan billi issa jirriżulta li ssofri wkoll minn Fibromyalgia.*

*7. Illi x-xogħlijiet ma huma bl-ebda mod jikkreaw ebda preġudizzju lir-rikorrenti u dan peress li huma jistgħu jibqgħu jaċċedu għall-appartament tagħhom kif fil-fatt baqgħu jagħmlu għal dan l-aħħar għaxar (10) xhur minn meta bdew isiru x-xogħlijiet.*

*8. Illi kwalunkwe preġudizzju allegat irid jiġi ppruvat u kkwantifikat.*

*9. Illi l-esponenti għandhom kull dritt sanċit mil-Liġi nkluż iżda mhux limitat għal dawk indikati mill-Kapitolu dwar Il-Condominia (Kapitolu 398) u l-Att Dwar l-Opportunitajiet Indaqs ta' Persuni B'Diżabilita' (Kapitolu 413 tal-Liġijiet ta' Malta) li jagħmlu dak kollu possibbli biex jingħataw aċċess għall-fond residenza tagħhom u dan kif se jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża.*

*10. Illi l-preġudizzju li qiegħda ssofri u tkompli ssofri l-esponenti Angela Fleri Soler minħabba din il-kawża vessatorja huma kbar ħafna, fis-sens li minħabba l-kundizzjonijiet tagħha nkluż il-Mueller-Weiss Syndrome u Fibromyalgia mhux se tkun tista' taċċedi u tidhol fl-appartament residenza tagħha.*

*11. Illi l-esponenti jiġbdu l-attenzjoni tal-Qorti li dawn ix-xogħlijiet u tibdiliet ippjanati mill-esponenti mhumiex frivoli, iżda huma neċessarji sabiex is-Sinjura Angela Fleri Soler tkun tista' taċċedi u toħroġ mill-appartament tagħha li jinsab fit-tielet sular tal-blokka.*

*12. Illi kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata l-esponenti qegħdin jippreżentaw rikors ġuramentat a bażi tal-Artikolu 34 tal-Kapitolu 413 l-Att Dwar L-Opportunitajiet Indaqs ta' Persuni B'Diżabilita', fejn qiegħda ssir talba li dan l-aġir irresponsabbli tar-rikorrenti Attard Montalto huwa diskriminatorju versu l-esponenti Fleri Soler (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. A).*

*13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ u tal-kawża fl-ismijiet **Daniel Fleri Soler et vs. John Attard Montalto et** (Numru 436/2019 NC).[2]

Rat id-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu qabel din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 22), l-atturi Attard Montalto ppreżentaw u qraw Nota ta' Ċessjoni (*a fol.* 23) fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta Advent Lifts Services Limited.

Rat illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 262), il-Qorti diversament preseduta nnominat lill-Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Dr. Anna Mifsud Bonnici sabiex tisma' bil-ġurament il-provi tal-konvenuti Fleri Soler.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 320 *et seq.*) ippreżentata mill-konvenuti l-konjuġi Fleri Soler fis-26 ta' Marzu 2021.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 349 *et seq.*) ippreżentata mill-atturi l-konjuġi Attard Montalto fis-26 ta' Mejju 2021.

Rat illi, fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2021 (*a fol.* 373 *et seq.*), il-Qorti laqgħet it-talbiet kontenuti f'Rikors (*a fol.* 361 *et seq.*) ippreżentat fis-26 ta' Ottubru 2021 minn uħud mill-atturi *ossia* minn John u Josephine konjuġi Attard Montalto fejn uħud mill-atturi *ossia* Michael Attard Montalto u martu Maria Therese sive Maryse Attard Montalto ġew estromessi mill-kawża u fejn il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem John Attard Montalto u martu Josephine Attard Montalto wara l-mewt ta' Adrienne Attard Montalto.

[2] Fis-seduta miżmuma fil-15 ta' Lulju 2019 quddiem din il-Qorti hekk kif diversament preseduta ġie vverbalizzat is-segwenti: *"Il-Qorti tordna li f'din il-kawża li qed tinstema' kontestwalment mal-kawża Rikors Maħluf 436/2019 [...] il-provi, dokumenti u x-xhieda prodotti fiż-żewġ kawżi għandhom japplikaw għal xulxin"* (*a fol.* 41).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati kemm tul il-mori tal-proċeduri odjerni u kif ukoll dawk fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Fleri Soler et vs. John Attard Montalto et** (Numru 436/2019 NC).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2019, xehed **John Attard Montalto** (*a fol.* 29 *et seq.*) fejn beda billi jispjega li fil-blokka ta' appartamenti li joqgħod fiha hu hemm tmien appartamenti u filwaqt li huwa joqgħod fi Flat 1, il-konjuġi Fleri Soler joqgħodu fi Flat 8. Jgħid li biex jasal għall-appartament tiegħu l-ewwel hemm *common area* bejn erbgħa u għoxrin (24) appartament u li qabel Fleri Soler bdew ix-xogħlijiet l-aċċess għall-appartament tiegħu kien ta' 1.40 metru. Jispjega kif f'Marzu 2016 irċevew *email* mingħand Daniel Fleri Soler li spjegalhom li martu kienet qed tbagħti minn problemi ta' saħħa u minħabba f'hekk kien jeħtieġ li jinstalla lift. Jgħid li kkuntattja lil Daniel Fleri Soler fejn qallu li ma kellu l-ebda oġġezzjoni għal-lift pero' jgħid li qallu li ried jibqa' bl-istess aċċess u li Fleri Soler qallu li hu (Attard Montalto) ma kellux għalfejn iħallas għal-lift. Jispjega kif permezz ta' *email* Daniel Fleri Soler kien infurmah li ried jagħmel *"a two-person lift"* pero' meta bagħat il-pjanti d-daqs tal-lift kiber għal erba' persuni u meta nbeda x-xogħol inqata' it-taraġ u ħallielu 68 ċentimetri. Jixhed li Daniel Fleri Soler qallu li meta x-xogħol jispiċċa d-daqs tat-taraġ kellu jitla' għal 75 ċentimetri. Jiddeskrivi x-xogħlijiet li twettqu fejn Daniel Fleri Solter qatta' t-taraġ li jagħti għall-appartament ta' Attard Montalto sabiex jagħmel il-*pit* tal-lift. F'dan ir-rigward jistqarr li huwa jrid li kollox jidħol minn din l-entratura u ġab bħala eżempju li lanqas sufan ma seta' ibiddel jew id-*double bed*. Jixhed: *"Jien il-problema tiegħi dejjem jibqa' l-aċċess. Illum biex nitla' dan it-taraġ, irridu nitilgħu la ġenbha. […A]ħna nitilgħu ħafna drabi dan it-taraġ"* (*a fol.* 32).

**John Attard Montalto** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2019 (*a fol. 47 et seq.*) fejn spjega kif bdiet il-kwistjoni kollha. Jgħid li f'Marzu 2016 kien irċieva *email* (kopja ta' liema ġiet eżebita u mmarkata bħala Dok. "JAM 1" – *a fol.* 51 *et seq.*) mingħand Daniel Fleri Soler fejn fi kliem Attard Montalto ġie spjegat li kien hemm erba' daqsijiet ta' lifts li tnejn minnhom ġew skartati minn

Fleri Soler għax ma kienux komdi. Jixhed li huwa jkun kuntent f'każ li l-lift li jiġi nstallat iħallilu għal ta' l-anqas metru mit-taraġ tiegħu. Jgħid li skont hu l-lift iż-żgħir, u ċioe' dak ta' 53 ċentimetri, iħalli biżżejjed spazju biex it-taraġ li jagħti għall-appartament tiegħu jkun ta' metru.

In <u>kontro-eżami</u> (*a fol.* 49 *et seq.*) meta John Attard Montalto ġie mistoqsi dwar il-fatt li sakemm jiġi nstallat il-lift kienx jaf li t-tqattiegħ ser ikun aktar biex ix-xogħol ikun jista' jsir, wieġeb li xorta mhux ser ikun hemm metru.

In <u>kontro-eżami</u>, li tkompla fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2019 (*a fol.* 57 *et seq.*), John Attard Montalto kkonferma li hemm seba' tarġiet li jagħtu għall-appartament tiegħu. Jgħid li l-ewwel oġġezzjoni formali magħmula minnhom kienet permezz ta' Protest Ġudizzjarju u li ma ressaq l-ebda oġġezzjoni għall-permess minħabba li skont hu l-ittra li rċieva kienet tgħid li l-konjugi Fleri Soler kienu ser japplikaw għall-permess u mhux li l-permess kien ser jinħareġ. Ikkonferma li kien issuġerixxa lil Daniel Fleri Soler li flok lift jinstalla *stairlift* u li l-istess Fleri Soler offra li jinstalla *stairlift* a spejjeż tiegħu fil-każ li huma jkollhom bżonn *wheelchair*. Ġie mitlub jispjega l-opzjoni l-oħra li jinstalla l-lift fil-*common area* fejn skont Attard Montalto li kieku tressaq il-bieb dan kien ikun jista' jiġi nstallat. Ġie mitlub jixhed dwar il-poġġaman li hemm ma' l-entratura tiegħu u kif dan jisporġi bi 18 il-ċentimetru b'dana illi allura joħroġ iżżejjed mill-ħajt. Jikkonferma li l-ispazju li kieku jiggwadanja jekk jibdel il-poġġaman ma jkunx biżżejjed.

In <u>kontro-eżami</u>, li tkompla fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2020 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mifsud Bonnici (*a fol.* 302 *et seq.*), meta John Attard Montalto ġie mistoqsi jgħid jekk it-taraġ jistax jiżdied għal 75 ċentimetri, ikkonferma li sal-appartament tiegħu dan jista' jsir. Ikkonferma li ma qabilx ma' l-alternattivi rakkomandati mill-konjuġi Fleri Soler bħat-tkabbir tat-tieqa għax dan kien jinvolvi jbiddel l-affarijiet tiegħu. Biss pero' huwa kien aċċetta li jiftaħ bieb għax ipprova jirranġa. Isemmi li kien hemm għażla oħra u ċioe' li jsir lift iżgħar. Ikkonferma li jekk ikollu xi ħaġa f'idu, ikollu jitla' it-taraġ la ġenbha. Jgħid li minn naħa tiegħu ma tressqet l-ebda oġġezzjoni għall-applikazzjoni

quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar. In ri-eżami, għad-domanda jekk staqsiex lil Cleaven-Ray Mizzi jekk setax isir lift żgħir, wieġeb fl-affermattiv.

Illi, fit-3 ta' Settembru 2020, ġie ppreżentat affidavit ta' **John Attard Montalto** (*a fol.* 37 *et seq.*)[3] fejn spjega li l-affidavit huwa ndirizzat għall-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni li qed jitqajjmu kontra tiegħu u ta' martu. Jispjega kif żviluppa l-każ u kif oriġinarjament kien hemm possibbilita' li lift b'wisa' interna ta' 53 ċentimetri (li kellu wisa' esternament ta' 70 ċentimetri) kien iħalli wisa' ta' taraġ ta' metru u li għalih dan kien ikun aċċettabbli. Jgħid li saret laqgħa ma' Advent Lifts għal-liema laqgħa huwa ma setgħax jattendi u jispjega li waqt din il-laqgħa ġew ippreżentati pjanti fejn id-daqs tal-lift magħżul ma kienx iħalli aċċess adegwat għall-appartament tiegħu. Jgħid li tkellem mal-konsulent legali tiegħu u li ntbagħtet ittra fejn ġiet irreġistrata oġġezzjoni għad-daqs tal-lift u mhux għall-installazzjoni tiegħu. Jixhed li din l-oġġezzjoni saret minħabba l-fatt li fl-appartament ta' Attard Montalto ma kienx hemm gallarija minn fejn tista' tinħareġ l-għamara u jekk ikun il-każ jgħaddi *wheelchair*. Jixhed li ppruvaw jaslu għal ftehim imma dan ma ntlaħaqx minħabba oġġezzjonijiet varji, inkluż ta' sidien oħra. Jgħid li fil-11 ta' Lulju 2018 rċieva Avviż ta' Intenzjoni minn naħa ta' Daniel Fleri Soler u jkompli billi jgħid li qatt ma ġew infurmati meta ddaħħlet it-talba għall-permess quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar u lanqas kif setgħu joġġezzjonaw. Jispjega li fil-31 ta' Awwissu 2018 rċieva *email* mingħand Daniel Fleri Soler fejn ġew infurmati li mingħajr ebda pre-avviż ieħor kienu ser jinbdew ix-xogħlijiet. Jgħid li pprova jċempel lill-*Building Regulation Office* minħabba projbizzjoni tas-sajf fuq xogħlijiet ta' tħaffir u demolizzjoni u li ġie nfurmat li l-projbizzjoni ma tapplikax għax-xogħlijiet in kwistjoni. Jgħid li ċempel lill-Awtorita' tal-Ippjanar fejn qalulu li la darba nħareġ il-permess ma kien hemm xejn x'jista' jsir.

Attard Montalto jkompli jixhed li minħabba li x-xogħol deher li ser jitkompla mingħajr ma kien intlaħaq qbil, huwa kellem avukat u fil-5 ta' Settembru 2018 ġie ppreżentaw Protest Ġudizzjarju kontra x-xogħlijiet proposti peress li ma kellhom l-ebda garanzija li l-aċċess

[3] **Daniel Fleri Soler et vs. John Attard Montalto et** (Numru 436/2019 NC).

għall-appartament tagħhom ma kienx ser ikun ristrett iżżejjed. Jgħid li minkejja kollox ix-xogħol tkompla u t-taraġ inqata' għal daqs li fi kliemu kien żgħir wisq u li lanqas il-pultruni tagħhom ma kienu jgħaddu mill-passaġġ li tħalla. Minħabba dan fl-10 ta' Settembru 2018 Attard Montalto talbu għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, liema talba ntlaqgħet fit-8 ta' Ottubru 2018. Jixhed li wara l-mandat saru numru ta' diskussjonijiet li waslu għal kompromess li kien jirriżulta f'tibdil ta' tieqa f'bieb fil-bitħa ċentrali pero' minħabba oġġezzjonijiet ta' sidien oħra din il-proposta sfumat. Sussegwentement jgħid li saret laqgħa bejn il-partijiet fejn huwa (Attard Montalto) attenda mingħajr ma kien assistit iżda din il-laqgħa ma wasslet għal xejn. Ikompli billi jispjega li huwa u martu qatt ma oġġezzjonaw għal-lift iżda riedu biss li jiġi rrispettat l-aċċess għall-appartament tagħhom. Isemmi numru ta' għażliet inkluż l-installazzjoni ta' *stairlift* jew lift b'kabina ta' 53 ċentimetri jew li l-lift jigi nstallat barra. Jispjega kif diġa' ġew rinfaccati b'aċċident fejn il-paramedici minflok ġarru lill-mara tiegħu fuq *wheelchair* spiċċaw ġarrewha f'idejhom. Jisħaq li jixtieq li jinsab kompromess sabiex kemm il-familja tiegħu kif ukoll il-familja Fleri Soler ikollhom aċċess komdu għall-appartamenti rispettivi tagħhom. Eżebixxa numru ta' dokumenti li ġew immarkati bħala Dok. "JAM 1" sa Dok. "JAM 11" (*a fol.* 42 *et seq.*).[4]

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2019, xehdet **Josephine Attard Montalto** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn bdiet billi tikkonferma li taqbel ma' dak li kien għadu kemm xehed ir-raġel tagħha meta xehed fis-seduta msemmija. Tgħid li minħabba l-kondizzjonijiet mediċi tagħha hija qed ikollha diffikultajiet bix-xogħol li qed isir u li minħabba l-istess kondizzjonijiet mediċi jista' jkun li tispiċċa f'*wheelchair* u li kif qiegħed ix-xogħol ma jippermettix li hija tkun tista' tgħaddi bil-*wheelchair* speċjalment jekk il-*wheelchair* li jkollha bżonn ikun naqra kbir minħabba li jista' jkun li żżid fil-piż. Tispjega li huma m'għandhomx bżonn il-lift u tikkonferma li hija rreġistrata bħala persuna li tbagħti minn diżabilita'.

**Josephine Attard Montalto** reġgħet ħadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2019 (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn ġiet mistoqsija

[4] *Ibid.*

tixhed dwar inċident li seħħ fit-8 ta' Awissu 2019 meta kien ħassha ħażin u kellha tinġieb ambulanza b'dana illi meta ġiet biex tinġarr minflok inġarret b'*wheelchair* hija kellha timxi fuq saqajha waqt li kienet qed iżżomm ma' dawk li kien hemm ma' l-ambulanza. Tixhed li l-*wheelchair* ma setax jgħaddi minħabba d-djuq li hemm wara li sar it-tqattiegħ tat-taraġ. Tgħid ukoll kif ġieli rat lil Angela Fleri Soler titla' t-taraġ mingħajr l-użu tal-krozzi.

In kontro-eżami li sar fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2019 (*a fol.* 66 *et seq.*), Josephine Attard Montalto spjegat li hija tbagħti minn diversi kondizzjonijiet mediċi. Tixhed dwar il-bżonn tagħha li tagħmel eżerċizzju kostanti u l-bżonn li ġġorr affarijiet f'bilanċ. Tgħid: *"biex nitla' sideways hija diffiċli għax nagħmel pressure fuq saqajja"* (*a fol.* 67). Mistoqsija tgħid jekk kellhiex ċertifikati jew *x-rays* x'tippreżenta, ikkonfermat li kellha *x-rays* pero' tgħid li ma kienux fuqha.

In kontro-eżami, li tkompla fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2020 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mifsud Bonnici (*a fol.* 305 *et seq.*), meta Josephine Attard Montalto ġiet mistoqsija dwar l-inċident li kellha meta ħassha ħażin, hija kkonfermat li ma setgħetx timxi u li minħabba t-taraġ ma setgħux iniżluha bil-*wheelchair* tal-ambulanza. Ikkonfermat li minkejja li ma għandha l-ebda użu għal-lift dan ma jfissirx li hija ma tridx lill-oħrajn jagħmlu użu minnu.

Illi, fit-3 ta' Settembru 2020, ġie ppreżentat affidavit ta' **Josephine Attard Montalto** (*a fol.* 58 *et seq.*)[5] fejn bdiet billi tikkonferma l-verżjoni tar-raġel tagħha fl-affidavit tiegħu ppreżentat fl-istess ġurnata (ċioe' dak li jinsab *a fol.* 37 *et seq.*[6]). Tkompli billi tispjega l-kondizzjonijiet mediċi tagħha li jillimitaw il-mobilita' tagħha. Tispjega wkoll li hija marret lura minħabba li waqt il-pandemija tal-Covid-19 hija ma setgħetx tagħmel il-fiżjoterapija neċessarja. Tixhed li issa qed tħoss skumdita' meta titla' u tinżel it-taraġ. Tgħid li eventwalment ser ikollha bżonn ta' *stairlift*, fatt li minħabba d-djuq tat-taraġ hija mhux ser tkun tista' tagħmel. Tixhed li kienet ingħatat parir li meta ġġorr piż hija ġġorru b'mod distribwit u li

[5] *Ibid.*
[6] *Ibid.*

minħabba l-wisa' tat-taraġ dan issa ma tistax tagħmlu b'mod illi qed taggrava s-sitwazzjoni tagħha. Hija ssemmi wkoll inċident li ġara meta kien ħassha ħażin u l-istaff tal-isptar ma setgħux iġorruha fuq *wheelchair* u spiċċat kellha tinżel it-taraġ assistita. Eżebiet numru ta' dokumenti li ġew immarkati bħala Dok. "A" sa "N" (*a fol.* 61 *et seq.*).[7]

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2019, xehed in subizzjoni **Daniel Fleri Soler** (*a fol.* 53 *et seq.*) fejn ġie mistoqsi dwar l-*email* tiegħu (Dok. "JAM 1" – *a fol.* 51 *et seq.*). Ikkonferma li bagħat din l-*email* lill-inkwilini kollha tal-kondominju fejn spjega l-bżonn tiegħu għall-installazzjoni tal-lift u x'soluzzjonijiet u daqsijiet kien hemm. Meta mistoqsi dwar l-għażliet li kien hemm fid-daqsijiet tal-lift, ikkonferma li sa dak il-mument id-daqs ta' 53 ċentimetri kien wieħed mill-għażliet. Spjega li kien skarta l-lift ta' 53 ċentimetri għax ma jidħol xejn fih u li lanqas il-mara tiegħu ma tidhol f'lift b'kabina ta' 53 ċentimetri. Jgħid: *"għażilt tal-hydraulic biex tkun inqas width bħala barra, bħala shaft u l-ħajt ta' barra għamiltu 1 ċm biss, għalhekk ġie kważi d-doppju l-lift bħala cost"* (*a fol.* 55).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2020, ġie ppreżentat affidavit ta' **Daniel Fleri Soler** (*a fol.* 73 *et seq.*) fejn jispjega li r-raġuni għalfejn infetħet din il-kawża hija minħabba l-fatt li huwa jixtieq jinstalla lift fil-blokka fejn jgħix sabiex martu tkun tista' titla' u tinżel mill-appartament fejn joqgħodu mingħajr ma taggrava l-kondizzjoni medika tagħha. Jiddeskrivi f'ċertu dettall l-iżviluppi madwar il-kondizzjonijiet mediċi tal-mara tiegħu. B'mod partikolari jibda minn April 2015 fejn il-mara tiegħu ġiet iċċertifikata li ssofri mill *Mueller Weiss Syndrome*. Jgħid li fl-1 ta' Lulju 2015 martu għamlet operazzjoni minħabba li kien hemm deġenerazzjoni fis-saħħa tal-għadam tagħha u jsemmi wkoll il-fatt li wara l-operazzjoni hija kienet marret tgħix għand il-kunjati tagħha sabiex tiffranka ċertu strapazz. Jixhed li martu kienet ikkwalifikat għal *blue badge card* maħruġa mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita'. Jgħid li wara li ħa pariri legali beda jfittex dwar x'seta' jsir teknikament, b'dana illi tkellem mas-soċjeta' Advent Lifts Services Limited fejn qal li d-diriġent Cleaven-Ray Mizzi mar fuq il-post

[7] *Ibid.*

biex jara x'soluzzjonijiet kien hemm. Jgħid li tqabbad il-Perit Mark Arrigo sabiex jara jekk kienx possibbli li jiġi nstallat lift u wara li studjaw il-post ingħatawlu l-għażliet minn għand l-imsemmi Mizzi u li sussegwentement għal dan ġiet ċirkolata *"Letter of Intention"*. Jispjega li l-konjuġi Attard Montalto semmewlu li huma kellhom kwistjoni minħabba l-aċċess għalhekk talbuh l-informazzjoni dwar il-lift li kieku kien ser jiġi nstallat. Jixhed fuq id-diskussjonijiet numerużi li kien hemm sabiex jiżblokkaw is-sitwazzjoni u ġie propost li titkabbar it-tieqa iżda dan ma ġiex aċċettat mill-konuġi Attard Montalto. Minn naħa tagħhom Attard Montalto pproponew li jsir *stairlift* iżda wara li l-konjuġi Fleri Soler għamlu riċerka dwar din il-possibbilita' jidher li din is-soluzzjoni ma kinitx fattibbli u għalhekk ġiet rifjutata. Jgħid li proposta oħra li għamlu l-konjuġi Attard Montalto kienet li jitwaħħal lift mal-faċċata tal-blokka, iżda minħabba problemi tekniċi u spejjeż ogħla dan ma kienx se jkun possibbli. Jixhed li sadanittant martu kienet għamlet operazzjoni oħra u s-sitwazzjoni tas-saħħa tagħha kompliet tiggrava peress li ġiet iċċertifikata li ssofri wkoll mill-*fibromyalgia*.

Jispjega li bagħat komunika lis-sidien tal-appartamenti kollha biex jottjeni l-kunsens tagħhom għal lift u dana kif titlob il-liġi tal-*condominia* (Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta) u jgħid li l-uniċi persuni li oġġezzjonaw għal lift kienu l-konjuġi Attard Montalto. Jispjega li wara li rċieva l-maġġoranza tal-kunsens, applika għall-permess mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar. Jgħid li ma rċieva l-ebda ilment b'mod uffiċjali mis-sidien tal-blokka u wara li kiseb il-permess tal-Awtorita' ikkonferma x-xiri tal-lift bi prezz ta' wieħed u erbgħin elf, disa' mija u disgħa u erbgħin Euro (€41,949). Jixhed kif martu u huwa huma disposti joħorġu l-flus neċessarji u jagħmel riferenza għal Artikolu 8(5) ta' l-Att dwar il-*Condominia*. Spjega li hekk kif fit-3 ta' Settembru 2018 inbdew ix-xogħlijiet, il-konjuġi Attard Montalto ppreżentaw Mandat ta' Inibizzjoni. Jgħid li sal-mument tal-mandat kien laħaq tlesta x-xogħol ta' skavar u tqattiegħ u li l-mandat intlaqa' fit-8 ta' Ottubru 2018. Jispjega kif wara li ntlaqa' l-mandat il-partijiet reġgħu bdew jiddiskutu bil-għan li jsibu soluzzjoni. Is-soluzzjoni ideali u li ġiet aċċettata mill-konjuġi Attard Montalto kienet li jinfetaħ bieb ġdid li jagħti għall-bitħa interna, iżda din is-soluzzjoni intlaqgħet b'reżistenza minn numru

ta' persuni oħra li huma ko-proprjetarji tal-bitħa interna tal-kumpless.

Jixhed li d-diskussjoni bejn il-partijiet daret fuq id-daqs tal-lift fejn l-konjuġi Attard Montalto bdew jitolbu li jsir lift ta' 53 ċentimetri pero' jgħid li dan ma kienx aċċettabbli minħabba li *wheelchair* ma kienx jidħol. Huwa jgħaddi sabiex jispjega għalfejn intgħażel il-lift li għażel huwa. Skont hu, dan ma kienx jagħmel differenza. Jixhed: *"Il-kobor qiegħed isir fil-fond u mhux fil-wisa' u għalhekk ma hemmx effett fuq il-wisa' tat-taraġ f'dan ir-rigward"* (*a fol.* 77). Mal-affidavit tiegħu, ġew eżebiti hafna dokumenti fosthom ċertifikati medici, *x rays*, u ritratti (Dok. "A" sa Dok. "Q" – *a fol.* 79 *et seq.*).

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mifsud Bonnici (*a fol.* 308 *et seq.*), meta Daniel Fleri Soler ġie mistoqsi dwar il-qisien tal-lifts li huwa semma fl-affidavit tiegħu, ikkonferma illi l-possibilitajiet kienu ta' 53 ċentimetri, 62 ċentimetri, 78 ċentimetri u 79 ċentimetri. Meta mistoqsi dwar l-għażla tad-daqs li għamel, Daniel Fleri Soler ikkonferma li l-għażla kienet ibbażata fuq dak li kellhom u fuq is-suġġerimenti ta' Cleavan-Ray Mizzi. Għad-domanda: *"Fil-verita' x'għazilt?"* (*a fol.* 308), wieġeb: *"Għazilt l-inqas waħda li kellu. Jiena fil-fatt kont għazilt ta' 78 ċm izda meta mort nkellem lil Cleavan, il-mudelli li kellu kienu ta' 75 ċm u jiena għamiltha ta' 70 ċm"* (*a fol.* 308). Dwar l-oġġezzjoni tal-konjuġi Attard Montalto jikkonferma li l-oġġezzjoni kienet dwar id-daqs tal-lift u mhux dwar il-lift peress li ma jistgħux joħorġu *bulky furniture*. Mistoqsi dwar l-i*stairlift*, Fleri Soler jikkonferma li dan kien irħas imma l-oħrajn ma aċċettawx il-proposta ta' *stairlift* imma kienu lesti li jipparteċipaw fis-sehem tal-lift. Dwar il-kondizzjoni ta' martu, Daniel Fleri Soler jgħid li hi mhux *wheelchair bound* imma li l-problema maġġuri hija meta tuża t-taraġ. Għal domanda dwar id-daqs tal-lift, Daniel Fleri Soler ikkonferma li lift ta' 53 ċentimetri kien jagħmel differenza iżda dan id-daqs ma kienx hemm. Għad-domanda kienx jaf li Cleaven-Ray Mizzi qal li seta' jimmanifattura lifts skont il-ħtieġa tal-klijenti, wieġeb li ma kienx jaf.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021, ġie pprezentat affidavit ta' **Daniel Fleri Soler** (*a fol. 97 et seq.*)[8] fejn jgħid li hemm bżonn li jiġi nstallat lift fil-parti komuni tal-blokka. Jagħti rendikont tal-avvenimenti hekk kif ġraw minn meta martu ġiet djanjostikata b'marda. Jispjega kif wasal għall-għażla tal-lift u dana billi wara li ħa parir legali tkellem mal-kumpannija Advent Lifts. Jgħid li wara li d-diriġent Cleaven-Ray Mizzi mar fuq il-post huwa ta għażliet ta' qisien. Jikkonferma li l-istess Mizzi ta erba' qisien. Jgħid li ċċirkola dawn il-qisien lill-inkwlini tal-blokka permezz ta' *"Letter of Intention"*. Jispjega li kienu biss l-konjuġi Attard Montalto li lmentaw dwar l-aċċess tagħhom u allura kien hemm tentattivi li jintlaħaq kompromess. Jixhed li waħda mill-proposti kienet tirrigwarda t-tkabbir tat-tieqa imma Attard Montalto rrifjutaw għax dan kien sejjer inaqqas l-ispazju abitabbli tagħhom. Jispjega kif huma kkunsidraw ukoll l-alternattivi proposti minn Attard Montalto specifikament *stairlift*. Jgħid li jkollu jinstalla tliet *stairlifts* b'mod li martu jkollha tqum u toqgħod tliet darbiet u dana barra mill-fatt li *stairlift* jieħu sitt minuti biex jasal u li *stairlift* ma jippermettix lil martu ttella' xi xirja magħha. Jgħid li wara li kienu pproponew li jkabbrulhom it-tieqa tal-faċċata, il-konjugi Attard Montalto ssuġġerew li jsibu post ieħor fejn jgħixu.

Jispjega li, minħabba l-urġenza, fis-sena 2017 bagħat komunika lis-sidien tal-appartamenti kollha tal-kondominju fejn talab il-kunsens tagħhom iżda Attard Montalto oġġezzjonaw. Jgħid li qabbad lill-perit tiegħu sabiex jikseb il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar u nforma lis-sidien kollha tal-blokka permezz ta' ittri rreġistrati. Wara dan ma rċieva l-ebda ilment quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar u sussegwentement inħareġ il-permess. Isemmi kif wara li beda x-xogħol, Attard Montalto ressqu talba għal Mandat ta' Inibizzjoni liema talba ntlaqgħet. Jgħid li dan wassal għal aktar diskussjonijiet u nstabet soluzzjoni li ġiet rifjutata mis-sidien tal-blokok oħrajn li lkoll huma ko-propjetarji tal-bitħa interna.

Jispjega li d-diskussjoni mxiet fuq id-daqs tal-lift fejn Attard Montalto talbu li jiġi nstallat lift b'kabina ta' 53 ċentimetri. Jgħid li dan ma kienx fattibbli minħabba li ma jidħolx *wheelchair*. Jispjega li

[8] *Ibid.*

huwa għażel lift ta' erba' persuni iżda dan ifisser tkabbir fit-tul u mhux fil-wisa' tal-kabina. Jgħid: *"Ir-raġuni għalfejn il-lift li ordnajt huwa ta' erba' persuni huwa sabiex ikun hemm ftit ta' spazju fil-kabina u dan stante li l-kabina ser tkun ta' sebgħin ċentimetri (70 ċm), filwaqt li l-bieba tal-lift ser tkun ta' sittin ċentimetri (60 ċm)"* (*a fol.* 101).[9] Jgħid li huwa għażel id-daqs in kwistjoni biex b'hekk persuna tkun tista' tidħol b'*walker*. Ikkonkluda billi qal li jekk ma jigix installat lift, martu ser issir priġuniera fid-dar tagħha. Jisħaq li l-imġieba ta' Attard Montalto qegħda toħloq diskriminazzjoni kontra martu.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2022 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Mark Mifsud Cutajar (*a fol.* 147 *et seq.*)[10], Daniel Fleri Soler jikkonferma li hekk kif imfassal il-lift xorta jkunu jridu jitilgħu seba' tarġiet. Jgħid li l-lift in kwistjoni huwa l-iżgħar lift possibbli. Jikkonferma li l-ewwel darba li kkomunika mal-inkwilini kien qal li kien hemm erba' daqsijiet tal-lift u li l-konjuġi Attard Montalto kienu qalu li l-aħjar daqs għalihom kien dak ta' 53 ċentimetri. Jgħid li bid-daqs ta' 53 ċentimetri s-seba' tarġiet xorta kienu ser ikunu hemm. Itenni iżda li lift ta' 53 ċentimetri ma jeżistix u li dan ġie konfermat minn Cleaven-Ray Mizzi. Jispjega li ma kienx konxju li kellu bżonn il-permess tal-inkwilini kollha u mhux tal-maġġoranza sabiex jagħmel ix-xogħol. Dwar x'tip ta' applikazzjoni saret jgħid li ma jiftakarx. Dwar meta l-konjuġi Attard Montalto ġew mgħarrfa bil-bidu tax-xogħlijiet jispjega li ma jiftakarx id-dettal. Jikkonferma li bil-lift hekk kif propost *wheelchair* ma jidħolx mill-blokka tal-lift. Jikkonferma li jekk il-lift ikun ta' 70 ċentimetri minflok wieħed ta' 53 ċentimetri dan jaffettwa d-daqs tat-taraġ. Dwar l-episodju meta kellha tinġieb l-ambulanza għal Josephine Attard Montalto u l-i*stretcher* ma għaddhiex mit-taraġ jgħid li dan ġara minħabba li twaqqaf ix-xogħol u jispjega li minħabba f'hekk ma setax jibdel il-poġġaman. Jikkonferma li jekk isiru x-xogħlijiet flok *railings* ikun hemm il-ħajt.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2020 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mifsud Bonnici, ġie ppreżentat

[9] *Ibid.*
[10] *Ibid.*

affidavit ta' **Angela Fleri Soler** (*a fol.* 266 *et seq.*) fejn ikkonfermat dak kollu li qal ir-raġel tagħha fl-affidavit tiegħu u tispjega kif għandha bżonn li jiġi nstallat lift fil-blokka fejn tinsab il-proprjeta' tagħha. Tispjega l-kondizzjoni medika tagħha minn meta ġiet djanjostikata l-kondizzjoni *Mueller Weiss Syndrome* u li minħabba din il-kondizzjoni kellha tagħmel operazzjoni. Tkompli tgħid li minħabba li s-saħħa tagħha kompliet tiddeterjora hija għandha diffikulta' titla' u tinżel it-taraġ li jagħti għall-appartament tagħha. Tgħid li meta għamlet l-ewwel operazzjoni kienet marret toqgħod għand il-ġenituri tar-raġel tagħha minħabba li fid-dar tagħhom ma hemmx taraġ u tgħid ukoll li minħabba li tuża l-krozzi l-ħin kollu l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni d'Diżabilita' ħarġulha l-Karta tal-Identita' u l-*blue badge*. Tixhed li sarilha t-tieni intervent fuq saqajha fl-10 ta' Ottubru 2016 u li fis-27 ta' Jannar 2018 sarilha t-tielet intervent. Tispjega li minħabba ċ-ċirkostanzi li tinsab fihom u minħabba l-proċeduri ġudizzjarji saret tbagħti minn attakki ta' paniku u li tieħu medikazzjoni ntiża sabiex tikkontrolla s-saħħa mentali tagħha. Tkompli tispjega l-kondizzjonijiet medici tagħha, inkluż li ġiet ċertifikata li ssofri mill-*fibromyalgia,* u l-interventi l-oħra li għamlet sa dan il-mument. Eżebiet numru ta' dokumenti li ġew immarkati bħala Dok. "AFS 1" sa Dok. "AFS 5" (*a fol.* 269 *et seq.*). Tgħid kif huma dejjem ikkonfermaw li t-taraġ in kwistjoni, wara li jsir ix-xogħol, ikollu wisa' ta' 75 ċentimetri u mhux 68 ċentimetri. Ippreżentat ritratti (Dok. "AFS 6" sa Dok. "AFS 13" – *a fol.* 276 *et seq.*) ta' blokka oħra li skont hija din il-blokka nbniet fl-istess żmien tal-blokka tagħhom. Dan skont hija kien juri li seta' jiġi nstallat lift b'riżultat li l-wisa' tat-taraġ kien ta' 69.85 ċentimetri. Tilmenta wkoll li fit-taraġ li jagħti għall-appartament tal-konjuġi Attard Montalto hemm poġġaman (Dok. "AFS 18" – *a fol.* 284) li joħroġ il-barra bi 18 il-ċentimetru. Tgħid li f'każ li jitħalla jitkompla x-xogħol huma ser jibdlu dan il-poġġaman għal wieħed li jieħu inqas spazju. Tgħid li mingħajr dan il-lift hija mhux ser tkun tista' tgħix ħajja indipendenti b'mod li qed jinkisrulha d-drittijiet fundamentali tagħha.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021, ġie ppreżentat affidavit ta' **Angela Fleri Soler** (*a fol.* 90 *et seq.*)[11] fejn tispjega l-kondizzjonijiet

[11] *Ibid.*

mediċi tagħha u l-interventi kirurġiċi li għaddiet minnhom u li għadha qed tgħaddi minnhom. Tikkonferma għal darba oħra li darba li x-xogħlijiet jitlestew il-wisa' tat-taraġ ser ikun ta' 75 ċentimetri. Tgħid li l-wisa' hija simili għal wisa' ta' turġien ta' blokok li nbnew riċentement f'Malta. Issemmi l-poġġaman li joħroġ 18 il-ċentimetru l-barra mill-ħajt u tikkonferma li jekk jitħallew iwettqu x-xogħlijiet huma kien ser jibdlu dan il-poġġaman sabiex ma joħroġx daqshekk minn mal-ħajt. Tisqarr li l-kondizzjonijiet medici tagħha komplew jiggravaw u żviluppawlha kondizzjonijiet ġodda u minħabba l-interventi kirurġici hija ser ikollha terġa' tmur toqgħod għand il-kunjati tagħha u li skont hi ser tkun kostretta toħrog mid-dar tagħha minħabba 15 il-ċentimetru. Tgħid li qed tiġi ddiskriminata minħabba li kawża tal-oġġezzjonijiet tal-konjuġi Attard Montalto ma jistax jigi nstallat lift b'mod illi skontha hija saret priġuniera fid-dar tagħha u li kull darba li jkollha bżonn tagħmel intervent hija ma tistax taċċessa l-proprjeta' tagħha minħabba li l-lift qed jiġi mwaqqaf milli jiġi nstallat mill-konjugi Attard Montalto. Tispiċċa billi tisħaq li l-konjuġi Attard Montalto qed jiddiskriminaw kontra tagħha u dana jmur kontra Artikolu 12(1)(ċ) tal-Kapitolu 413 (Att Dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni d'Diżabilita')). Eżebiet żewġ dokumenti li ġew immarkati bħala Dok. "AFS A 1" u Dok. "AFS A 2" (*a fol.* 95 *et seq.*).[12]

Illi, fit-3 ta' Diċembru 2021, ġie ppreżentat affidavit ieħor ta' **Angela Fleri Soler** (*a fol.* 123 *et seq.*)[13] fejn tispjega li minħabba l-intervent illi għamlet fid-29 ta' Settembru 2021 ma tistax titla' s-sebgħin (70) tarġa li jwasslu għall-appartament tagħha. Tgħid li meta saħħitha kienet ftit aħjar, iżda xorta ma kinitx tagħtiha biex titla' sebghin (70) tarġa, kienet tmur fi blokk adjaċenti tuża l-lift tagħhom u taċċessa l-bejt tagħhom u mill-bejt tagħhom, titla' tmintax (18) il-tarġa sabiex tgħaddi fuq il-bejt fejn toqgħod, fil-frattemp ir-raġel tagħha kien jiftħilha l-bieb tal-bejt u wara tinżel għoxrin (20) tarġa sabiex tasal sal-appartament tagħha. Tgħid li peress li s-saħħa tagħha baqgħet tiddeterjora ma setgħetx tibqa' tagħmel hekk u spiċċat toqgħod għand il-kunjati tagħha waqt li r-raġel tagħha minħabba x-xogħol tiegħu baqa' joqgħod ġo l-appartament. Tilmenta li dan mhux mod

[12] *Ibid.*
[13] *Ibid.*

kif jgħixu koppja miżżewġa. Tispjega li wara tliet ġimgħat rikoverata għand il-kunjati kontra l-pariri mediċi hija reġgħet marret id-dar tagħha iżda minħabba r-raġel tagħha ma kienx id-dar hija kellha titla' sebgħin (70) tarġa taqbeż fuq sieq waħda. Tispjega kif huma qatt ma riedu jippreġudikaw lil ħadd u għażlu l-iżgħar lift li setgħu jagħżlu. Tgħid ukoll li huma għażlu li jibnu x-*shaft* tal-ħadid minħabba li jieħu anqas spazju. Tixhed li xtraw il-lift permezz ta' self mill-bank u li bħal issa qed jinżamm minn kunsinjatarju a spejjeż tagħhom. Tgħid li l-lift huwa essenzjali għal ħajjitha u li x-xewqa tagħha hija li jkollha l-abilita' li tidħol u toħroġ mid-dar tagħha x'ħin trid bħal kull bniedem ieħor.

In kontro-eżami, li sar fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2022 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Mark Mifsud Cutajar (*a fol.* 139 *et seq.*)[14], Angela Fleri Soler tikkonferma li taf bil-kondizzjonijiet mediċi ta' Josephine Attard Montalto u tgħid li hija għandha problema biex titla' tliet (3) indani taraġ u bl-istress tal-Qorti hija marret lura. Tgħid li hija konxja tal-fatt li bid-djuq tat-taraġ qed tiġi affettwata s-saħħa ta' Josephine Attard Montalto. Tispjega li hija qalet li ma hemmx preġudizzji minħabba li huma ma biddlux l-entratura tal-appartament tagħhom u meta ser jispiċċa x-xogħol tal-lift id-daqs tat-taraġ ser jiżdied u mhux jonqos. Tikkonferma li kif iridu jagħmlu l-lift xorta ser ikollha seba' tarġiet x'titla'. Tgħid li biex jidħol ġol-lift il-*wheelchair* ikun irid jingħalaq. Tikkonferma li ppruvaw jagħmlu lift iżgħar imma lanqas toqgħod fih tant ikun żgħir. Tikkonferma li l-unika ħaġa li ħadet in konsiderazzjoni meta għażlet il-lift kien saħħitha. Mistoqsija tgħid jekk il-konjuġi Attard Montalto trattawhiex differenti minħabba l-kondizzjoni tagħha, twieġeb fin-negattiv. Tispjega li l-kwistjoni tal-lift ħa ħsiebha r-raġel tagħha u tgħid li ma tafx jekk minbarra Advent Lifts Services Limited kienx hemm kumpanniji oħra li kkonsultaw magħha.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2020 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mifsud Bonnici, ġie pprezentat affidavit ta' **Patrick Delia** (*a fol.* 285 *et seq.*) fejn jispjega li huwa ħu Angela Fleri Soler u kkonferma dak li qalu l-konjugi Fleri Soler fl-affidavits tagħhom. Ikkonferma l-fatt li l-lift huwa bzonnjuż sabiex

[14] *Ibid.*

oħtu tkun tista' tgħix ħajja mingħajr ebda impediment u jgħid li l-lift kien ser iwassal sabiex oħtu ttejjeb kemm is-saħħa fiżika tagħha, minħabba li l-lift ser inaqqas l-istrapazz, kif ukoll ser itejjeb is-saħħa mentali tagħha.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2020 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mifsud Bonnici, ġie ppreżentat affidavit ta' **Cleaven-Ray Mizzi** (*a fol.* 290 *et seq.*) fejn jispjega li huwa jaħdem fl-industrija tal-installazzjonijiet tal-lifts u li ilu jaħdem f'din l-industrija għal dawn l-aħħar għaxar snin. Jispjega kif il-kumpannija li jaħdem magħha hija l-unika kumpanija hawn Malta li timmanifattura l-lifts għal ħtiġijiet tal-klijenti tagħhom. Jgħid li Daniel Fleri Soler mar għand Advent Lifts Services Limited fejn spjegalu li kellu bżonn lift li kellu jkun aċċessibbli għall-mara tiegħu. Jikkonferma kif fil-bidu huwa kien ta erba' għażliet. Jispjega kif mar fuq is-sit biex ikun jista' jagħmel suġġerimenti fuq il-lift li kellu jiġi nstallat u jgħid li ssuġġerixxa li kellu jsir lift kemmxejn ikbar minn dak li ġie ordnat. Jispjega kif il-lift li ntgħażel iħalli taraġ b'wisa' ta' 75 ċentimetri. Dwar il-qisien differenti tal-lifts, jgħid li ġie li ddiskuta qisien iżgħar biss pero' dawn ma jkunux vijabbli u teknikament il-mekkaniżmu jkun diffiċli li jiġi nstallat. Jiċċara wkoll li huwa fil-bidu semma' lift ta' 53 ċentimetri iżda dawn il-qisien kienu biss teoriċi u meta talab lin-nies tekniċi dawn qalulu li mhux fiżikament possibbli li jiġi mmanifatturat lift iżgħar minn dak li effetivament ordna Daniel Fleri Soler. Dwar l-għażla li jiġi nstallat *stairlift* minkejja li dan huwa teknikament possibbli, jispjega li dan ma jagħmilx sens minħabba li xorta ser jingombra l-wisa' tat-taraġ waqt li tkun biss persuna waħda li tista' tagħmel użu minnu. Jispjega li mhux ser tagħmel differenza bejn lift ta' tnejn minn nies għal lift ta' erba' minn nies minħabba li d-differenza fid-daqs ser tkun fil-fond u mhux fil-wisa'.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mifsud Bonnici (*a fol.* 312 *et seq.*), meta Mizzi ġie mistoqsi jgħid jekk jagħmlux lifts li huma *tailor-made*, ikkonferma pero' ikkjarifika li dan huwa limitat b'dak li jippermetti l-apparat. Dwar jekk *wheelchair* jidħolx fil-kabina tal-lift li ntgħażel, Mizzi spjega li minħabba li l-kabina hija usa' mill-bieb jista' jkun possibbli li tagħlaq il-*wheelchair* sakemm wieħed jidħol.

Spjega dwar il-qisien u kif seta' jinħadem il-lift u kkonkluda li mhux possibbli li jsir lift ta' anqas minn 70 ċentimetri. Meta mistoqsi dwar meta kien qal lill-konjuġi Attard Montalto li jista' jsir lift iżgħar anke lift għall-pizza, spjega kif lifts imsejħa bħal *goods lifts* kien jeħtiegu anqas ċertifikazzjoni u l-ħadid użat ikun iżgħar. Ġie mistoqsi dwar il-possibbilita' li jiġi nstallat *chairlift* iżda kkonferma li dan ma kienx prattiku u, sa fejn kien jaf hu, il-bqija tal-blokka riedet lift. Ġie mistoqsi wkoll dwar jekk hemmx differenza bejn lift ta' żewġ persuni meta mqabbel ma' lift ta' erba persuni u qal li dan mhux dejjem il-każ minħabba li biex tiċkien il-kabina ried jiċkien il-mekkaniżmu u dan ma setax jiċkien aktar.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2020 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mifsud Bonnici, ġie ppreżentat affidavit tal-**Perit Mark Arrigo** (*a fol.* 296 *et seq.*) fejn jistqarr li huwa l-perit li ġie nkarigat mill-konjuġi Fleri Soler sabiex jieħu ħsieb il-proċedura ntiża sabiex jinġieb il-permess ħalli jiġi nstallat il-lift fil-blokka in kwistjoni. Jispjega li l-proposta kienet tindika li t-taraġ kien ser jinbidel billi kien ser jitqatta'. Jikkonferma li ma l-applikazzjoni kien hemm ukoll kopji tan-notifiki li saru lis-sidien tal-appartamenti l-oħra li jiffurmaw parti mill-komun u jikkonferma wkoll li l-Awtorita' aċċettat li jinħareġ il-permess u li sussegwentement iddaħħlet il-*Commencement Notice*. Jippreċiża li fiż-żmien ta' bejn l-applikazzjoni għall-permess u ż-żmien tan-notifika lis-sidien tal-kondominju ma tressqet l-ebda oġġezzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar. Dwar il-wisa' tat-taraġ kif propost, jgħid li wisa' ta' 75 ċentimetri hija wisa' li hija meqjusa aċċettabbli mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Jgħid li jista' jikkonferma li l-Awtorita' tal-Ippjanar aċċettat wisa' iżgħar minn 75 ċentimetri. Jixhed: *"dak li ġie propost lill-Awtorita' tal-Ippjanar da parti ta' Daniel Fleri Soler u konsegwentement aċċettat hija proposta u applikazzjoni normali u aċċettabbli sabiex jiġi nstallat lift ġewwa blokka kemm ġdida u kemm blokka antika"* (*a fol.* 297). Jgħid ukoll li wisa' ta' 75 ċentimetri hija wkoll ħaġa komuni.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2020 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mifsud Bonnici, ġie ppreżentat ukoll affidavit ta' **Branislav Vlahovic** (*a fol.* 298 *et seq.*) li jispjega li l-konjuġi Fleri Soler kienu kkuntatjaw lilu u lill-inkwini l-oħra sabiex

jinfurmawhom bl-intenzjoni tagħhom li jinstallaw lift fil-blokka in kwistjoni. Jgħid li l-kondizzjonijiet mediċi ta' Angela Fleri Soler wassluha li tnaqqas il-mobilita' tagħha. Jistqarr li ċertu Chris Salamone kien għall-ewwel oġġezzjona għal-lift iżda biddel fehmtu meta ra l-kondizzjonijiet ta' Angela Fleri Soler. Jgħid li jaqbel ma' l-installazzjoni tal-lift in kwistjoni.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mifsud Bonniċi (*a fol.* 314 *et seq.*), għad-domanda jekk kienx jaf dwar il-kondizzjonijiet mediċi ta' Josephine Attard Montaltlo, Vlahovic wieġeb fl-affermattiv. Mistoqsi dwar jekk Salamone kienx oġġezzjona, ikkonferma li meta ra l-kondizzjoni ta' Angela Fleri Soler huwa kien biddel fehmtu u aċċetta l-lift. Ma jafx jekk wara l-laqgħa, Salamone kienx bagħat *email* joġġezzjona għal-lift.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2020 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mifsud Bonnici, ġie ppreżentat ukoll affidavit ta' l-**Avukat Bernard Busuttil** (*a fol.* 300) fejn iddikjara li ilu impjegat mal-Kummissjoni tal-Persuni b'Diżabilita' għal dawn l-aħħar għaxar snin. Jiddikjara li jekk ma jiġix installat lift, minħabba d-diżabilita' tagħħa Angela Fleri Soler ser tkun vittma ta' diskriminazzjoni u jagħmel riferenza għal Artikolu 14(1) tal-Kapitolu 413 tal-Liġijiet ta' Malta.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mifsud Bonnici (*a fol.* 315 *et seq.*), Busuttil ikkonferma li ma rax l-atti tal-kawża imma kien tkellem mal-konjuġi Fleri Soler u l-konsulent legali tagħhom. Ikkonferma wkoll li qabel ma kellmu l-konsulent legali tal-konjuġi Fleri Soler huwa ma kienx jaf bil-kwistjoni. Jiddikjara li m'huwiex konxju li hemm persuna oħra b'diżabilita' tgħix fil-blokka ta' appartamenti. Meta mistoqsi dwar il-każ tal-konjuġi Attard Montalto u jekk dan jikkostitwixxix diskriminazzjoni, Busuttil jistqarr li jista' jkun imma hu kull ma jaf hu dwar il-każ tal-konjuġi Fleri Soler. Dwar l-i*stairlift*, jgħid li mhux soltu li jiġi aċċettat *stairlift* u li lift għal persuna waħda jiġi aċċettat b'eċċezzjoni. Għad-domanda għala qal li Angela Fleri Soler hija vittma ta' diskriminazzjoni, wieġeb: *"Jiena minn dak li qaltli hi"* (*a fol.* 317).

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet ta' Attard Montalto fir-Rikors Maħluf tagħhom u tal-eċċezzjonijiet imressqa minn Fleri Soler fir-Risposta Maħlufa tagħhom, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- l-atturi l-konjuġi Attard Montalto jilmentaw li x-xogħlijiet li nbdew fil-blokka ta' appartamenti tagħhom sabiex jiġi nstallat lift ser iwassal għal preġudizzju serju minħabba li qed jiġi mxekkel l-aċċess għall-appartament tagħhom;

- il-konvenuti l-konjuġi Fleri Soler jisħqu li x-xogħlijiet huma essenzjali sabiex il-konvenuta Angela Fleri Soler tkun tista' tgħix ħajja normali minħabba li l-kondizzjonijiet mediċi tagħha qed inaqqsulha mill-mobilita' tagħha.

Illi l-konjuġi Fleri Soler joqgħodu fi blokka ta' appartamenti bin-numru 19, Mac Iver Flats, fi Triq Mac Iver tas-Sliema. F'April 2015 il-konvenuta Angela Fleri Soler ġiet djanjostikata b'marda rari li qed twassal għal nuqqas fil-mobilita' tagħha, liema mobilita' hija affettwata aktar mill-fatt li l-konjuġi Fleri Soler joqgħodu fit-tielet sular tal-blokka ta' appartamenti.

Illi sabiex Angela Fleri Soler tkun tista' żżomm ċertu mobilita' u normalita' fil-ħajja tagħha, ir-raġel tagħha Daniel Fleri Soler ippropona li jiġi nstallat lift fil-parti komuni tal-blokka ta' appartamenti fejn jgħixu. Għal dan il-għan fl-14 ta' Marzu 2016 il-konvenut Daniel Fleri Soler bagħat *email* (Dok. "JAM 1" – *a fol.* 51 *et seq.*) lill-inkwilini kollha fejn għarrafhom bil-kondizzjoni tal-mara tiegħu u bil-bżonn konsegwenzjali li jiġi nstallat lift. Fl-istess *email* ġew ukoll ċirkolati erba' possibilitajiet ta' daqsijiet differenti ta' lifts. Dawn id-daqsijiet kienu relatati mal-kabina tal-lift u kienu: (a) 79 ċentimetri, (b) 62 ċentimetri, (ċ) 78 ċentimetri u (d) 53 ċentimetri. Fl-istess *email* il-konvenut Daniel Fleri Soler jispjega li l-għażliet (b) u (d) kienu żgħar wisq u li l-lift li huwa kien jippreferi kien opzjoni (ċ) u ċioe' dak b'kabina ta' 78 ċentimetri u li din kienet se tħalli

taraġ ta' 72.5 ċentimetri. Il-konvenut Daniel Fleri Soler ikompli jispjega li huwa kien dispost iħallas għal kollox iżda ma kienx kontra li l-*condomini* l-oħra, jekk riedu, setgħu jidħlu għal porzjon tagħhom mill-ispiża. Jidher li fl-aħħar mill-aħħar il-lift li ntgħażel kien lift b'kabina ta' 70 ċentimetri bil-bieb tiegħu ta' 60 ċentimetri (*a fol.* 77).

Illi, min naħa tagħhom, l-atturi l-konjuġi Attard Montalto joqgħodu f'appartament li jinsab *groundfloor* iżda huwa elevat b'mod li sabiex tasal għall-appartament tagħhom hemm seba' tarġiet. Jidher li l-attriċi Josephine Attard Montalto wkoll qed tbagħti minn ċertu kondizzjonijiet mediċi li jaffettwalha l-mobilita' tagħha. Jidher mill-provi mressqa li l-atturi l-konjuġi Attard Montalto qatt ma oġġezzjonaw għall-installazzjoni tal-lift in kwistjoni iżda l-unika inkwiet tagħhom kien li jinżamm l-aċċess għall-appartament tagħhom minħabba li dan kien l-unika post minn fejn setgħu jidħlu u joħorġu affarijiet ta' ċertu daqs. Minbarra dan, l-atturi Attard Montalto jilmentaw li l-aċċess huwa bżonnjuż ukoll sabiex l-attriċi Josephine Attard Montalto tkun tista' tidħol u toħroġ stante li jekk il-kondizzjonijiet ta' saħħa tagħha jmorru lura hija jkollha bżonn tgħaddi b'*wheelchair*.

Illi din l-oġġezzjoni appena msemmija ġiet formalizzata permezz ta' ittra legali datata 7 ta' April 2017 (Dok. "JAM 3" – *a fol.* 50)[15], f'liema ittra l-atturi Attard Montalto jilmentaw li d-daqs tat-taraġ iwassal għal preġudizzju kontemplat f'Artikolu 8(5) ta' l-Att Dwar il-*Condominia* (Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi wara numru ta' diskussjonijiet fejn ma rriżulta l-ebda ftehim il-konvenuti l-konjuġi Fleri Soler komplew mexjin bil-proġett li jiġi nstallat lift u applikaw għal permess minn għand l-Awtorita' tal-Ippjanar, liema Awtorita' f'Awwissu 2018 ħarġet il-permess sabiex isiru x-xogħlijiet li kellhom iwasslu għall-installazzjoni tal-lift. Jidher li x-xogħol beda f'Settembru 2018 b'dan illi t-taraġ tqatta' u sar xogħol ta' skavar u fil-5 ta' Settembru 2018 il-konjuġi Attard Montalto ppreżentaw Protest Ġudizzjarju minħabba li ma kienux qed jaqblu dwar id-daqs tat-taraġ li kien ser jibqa' wara x-xogħlijiet

[15] *Ibid.*

u fl-10 ta' Settembru 2018 ippreżentaw talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, liema talba ntlaqgħet fit-8 ta' Ottubru 2018. Il-partijiet jgħidu li wara dan reġgħu bdew diskussjonijiet intiżi sabiex isibu soluzzjoni iżda dawn id-diskussjonijiet ma wasslu għall-ebda soluzzjoni minkejja tentattivi miż-żewġ partijiet. Konsegwentement l-atturi l-konjuġi Attard Montalto fetħu din il-kawża.

Illi f'din il-kawża l-atturi l-konjuġi Attard Montalto jitolbu li l-Qorti tiddikjara li x-xogħlijiet kontemplati joħolqu preġudizzju serju u li l-Qorti tiddikjara li dawn ix-xogħlijiet jeħtieġu l-permess tagħhom. Huma jitolbu wkoll li l-Qorti tordna lill-konvenuti Fleri Soler sabiex jirrintegraw lill-atturi Attard Montalto fid-drittijiet tagħhom kif kienu qabel ma bdew ix-xogħlijiet jew tal-anqas l-aċċess jonqos biss għal 90 ċentimetri b'dan illi l-atturi jitolbu li jekk ix-xogħlijiet ma jsirux fiż-żmien perentorju mogħti mill-Qorti huma jkunu awtorizzati jagħmlu x-xogħlijiet a spejjeż tal-konvenuti Fleri Soler.

Illi da parte tagħhom il-konvenuti Fleri Soler jeċċepixxu li la l-kwistjoni hija relatata ma' *condominium* din il-vertenza għandha tiġi sollevata quddiem arbitraġġ. Huma jisħqu wkoll li t-talbiet tal-atturi Attard Montalto ma humiex mistħoqqa.

Illi għall-kompletezza l-Qorti tinnota li oriġinarjament:

- il-kawża kienet mibdija mill-konjuġi John u Josephine konjuġi Attard Montalto kif ukoll minn Michael u Maria Therese sive Maryse konjuġi Attard Montalto u kif ukoll minn Adrienne Attard Montalto pero' b'digriet mogħti fid-9 ta' Novembru 2021 (*a fol.* 373 *et seq.*) Michael u Maria Therese sive Maryse konjuġi Attard Montalto ġew estromessi mill-kawża u fejn bl-istess digriet imsemmi l-ġudizzju ġie trasfuż f'isem il-konjuġi John u Josephine konjuġi Attard Montalto wara l-mewt ta' Adrienne Attard Montalto;

- il-kawża kienet miftuħa kontra Daniel u Angela sive Angie konjuġi Fleri Soler u kif ukoll kontra Advent Lifts Services Limited b'dan illi permezz ta' Nota ta' Ċessjoni (*a fol.* 23) li ġiet

moqrija fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 22) l-atturi ċedew il-kawża fil-konfront tas-soċjeta' Advent Lifts Services Limited.

Illi stabbiliti dawn il-fatti l-Qorti ser tibda billi tistħarreġ l-eċċezzjoni preliminari mqajjma mill-konvenuti Fleri Soler dwar jekk il-Qorti għandhiex il-kompetenza li tiddeċiedi din il-kawża.

**L-Ewwel (1) Eċċezzjoni**
**(Din il-vertenza għandha tiġi sollevata quddiem Arbitraġġ):**
Illi fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti Fleri Soler jeċċepixxu li l-Qorti hija prekluża milli tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża minħabba li vertenzi li jaqgħu taħt l-Att Dwar il-*Condominia* jridu jiġu riferuti quddiem arbitraġġ u dana minħabba li skont huma l-vertenza odjerna hija regolata mill-Att Dwar il-*Condominia* (Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi l-Qorti tifhem li l-eċċezzjoni hawn fuq imsemmija qed tiġi mressqa abbażi ta' Artikolu 30 tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Salv id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Att dwar l-Arbitraġġ, f'dawk il-kwestjonijiet li skont dan l-Att jistgħu jiġu jew għandhom jiġu riferiti għall-arbitraġġ, ebda qorti m'għandha tintervjeni jew tkun kompetenti ħlief meta jiġi hekk provdut bl-imsemmi Att dwar l-Arbitraġġ."

Illi mid-diċitura ta' dan l-artikolu jidher ċar li l-Qorti hija prekluża milli tieħu konjizzjoni ta' dawk il-vertenzi li b'mod obbligatorju jridu jiġu riferuti għall-arbitraġġ. Għaldaqstant *a contrario senso* l-Qorti għandha l-kompetenza neċessarja tistħarreġ azzjonijiet li skont Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta ma għandhomx jiġu riferuti b'mod mandatorju għall-arbitraġġ.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fit-8 ta' Jannar 2010 fil-kawża fl-ismijiet **Nazzareno Caruana vs. John Inguanez** (Numru 473/2006/1) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> "L-att dwar il-*Condominia* jirregola, veru, kull blokk ta' bini li jaqa' fid-definizzjoni ta' *condominium* skond l-istess att, pero' ma jassoġġettax kull kwistjoni li tolqot il-*condominium* għall-arbitraġġ. L-att innifsu għandu diversi artikoli li jipprovdu li, f'każ ta' tilwima fuq il-materja diskussa f'dak l-artikolu, il-kwistjoni trid titressaq quddiem arbitru. Hekk insibu din ir-riferenza fl-artikoli 8(7), 11(5), 14(8), 15(3)(4), 19(3), 20, 23(1), 24(7) u 25; iżda din ir-riferenza għall-arbitraġġ ma saritx b'mod ġenerali ..."

Illi l-Qorti trid tara taħt liema pretiż kienu qed imexxu l-konvenuti Fleri Soler. Fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 73 *et seq.*), il-konvenut Fleri Soler jgħid espliċitament li l-ispiża in kwistjoni ser jagħmilha hu *ai termini* ta' Artikolu 8(5) tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan huwa wkoll rifless f'dak li ntqal fl-*email* (Dok. "JAM 1" – *a fol.* 51 *et seq.*) tal-14 ta' Marzu 2016 fejn il-konvenut Fleri Soler jgħid: *"I am ready to fork out the eventual total expense for the complete installation of the lift"* (*a fol.* 52). Il-konvenut Fleri Soler ikompli jgħid li għalih l-installazzjoni ta' lift huwa inevitabbli minn liema jidher li l-konvenuti Fleri Soler kienu intenzjonati jmexxu għal rashom hekk kif jipprovdi Artikolu 8(5) tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "*Condominus* jista' a spejjeż tiegħu jinstalla u jibni kull faċilita' neċessarja li tnaqqas jew telimina problemi ta' mobilita' salv li dawn ma joħolqux ebda preġudizzju serju, wara li jiġu installati jew mibnija, fil-konfront tal-*condomini* l-oħra. Id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 9 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-ispejjeż li jsiru f'dik l-istallazzjoni jew binja."

Illi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, it-talba hekk kif imressqa mill-atturi Attard Montalto li qed iqisu li x-xogħlijiet kif mfassla mill-konvenuti Fleri Soler jikkawżawlhom preġudizzju serju tinkwadra ruħha f'dak li hemm maħsub f'Artikolu 8(5) hawn fuq ċitat li kien ukoll il-mod kif kienu qed imexxu l-konvenuti Fleri Soler. Ladarba dan ġie stabbilit, jonqos li l-Qorti tara jekk allura minn deċiżjoni unilaterali taħt Artikolu 8(5) tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta hemmx obbligu li l-vertenza tiġi riferita għall-arbitraġġ.

Illi minn azzjonijiet taħt Artikolu 8 tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta li fil-fehma tal-Qorti hemm obbligu ta' arbitraġġ biss huwa taħt Artikolu 8(1) u (2) tal-Kapitolu msemmi fejn jagħmel riferenza għal deċiżjonijiet meħuda skont Artikolu 22(7) tal-istess Kapitolu u ċioe' waqt il-laqgħat ġenerali. Jirriżulta li d-deċiżjoni li jiġi nstallat lift fil-parti komuni tal-blokka in kwistjoni ma tteħditx waqt laqgħa ġenerali anzi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-konvenut Daniel Fleri Soler kien lest li jaġixxi unilateralment sabiex jinstalla l-lift in kwistjoni hekk kif spjegat aktar 'il fuq. Dan iwassal lil din il-Qorti tikkunsidra li l-aġir tal-konvenut Fleri Soler ma jinkwadrax taħt dak li jitlob Artikolu 22(7) tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement ma japplikax l-obbligu li l-każ jiġi riferut għal arbitraġġ. Dan huwa suffragat ukoll mill-fatt li Artikolu 8(1) japplika bla ħsara għal Artikolu 8(5) tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-2 ta' Ottubru 2012 fil-kawża fl-ismijiet **Carmel Axiaq et vs. Amadeo Abela et** (Numru 62/2011) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati hi illi l-ġurisdizzjoni tal-Qrati hi sradikata biss fejn il-liġi tikkontempla dan speċifikament jew fejn il-partijiet bi qbil jagħżlu li jissottomettu ruħhom għal arbitraġġ volontarju."

Illi, in vista tas-suespost, ġialadarba ma hemmx obbligu li din il-vertenza tiġi riferita għal arbitraġġ, din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni fuq il-każ u konsegwentement l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenuti Fleri Soler ser tiġi miċħuda.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tal-konjuġi Attard Montalto hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħhom.

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**
**<u>(Tiddetermina illi x-xogħlijiet kontemplati u mibdija mill-konvenuti Fleri Soler fl-installazzjoni ta' *passenger lift* joħolqu</u>**

**<u>preġudizzju serju lill-atturi Attard Montalto f'dak li hu aċċess għall-appartament tagħhom)</u>:**

Illi fir-rigward ta' din l-ewwel talba l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-atturi l-konjuġi Attard Montalto jirreferu għal numru ta' ċirkostanzi li fl-opinjoni tagħhom iwasslu għal dak li ngħad minnhom fit-talba in eżami. Il-konjuġi Attard Montalto jsemmu, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- il-ġarr tax-xirjiet f'bilanċ minn naħa tal-attriċi Josephine Attard Montalto;

- problema biex jidħol *stretcher* jew *wheelchair*;

- diffikulta' fit-tibdil tal-*appliances* u għamara kbar minħabba li la jgħaddu mit-taraġ u lanqas jgħaddu minn partijiet oħra.

Illi fuq dan il-punt il-konvenuti Fleri Soler iwieġbu li t-tnaqqis tat-taraġ għal 75 ċentimetri ma jikkostitwixxix preġudizzju serju stante li d-daqs tat-taraġ ser ikun biżżejjed sabiex l-atturi Attard Montalto jinqdew u sabiex eventwalment jgħaddi ukoll *wheelchair*. Il-konvenuti Fleri Soler jisħqu li hija l-konvenuta Angela Fleri Soler li qegħda ssofri preġudizzju gravi minħabba li minkejja l-kondizzjonijiet mediċi tagħha hija qed tiġi mġegħla titla' tliet indani taraġ.

Illi minn kif inhi miktuba l-ewwel (1) talba tal-atturi Attard Montalto, hekk kif spjegat aktar 'il fuq il-Qorti hija tal-fehma li l-preġudizzju serju li qed jilmentaw minnu l-konvenuti Fleri Soler jinkwadra ruħu taħt il-kliem *"preġudizzju serju"* stabbilit f'Artikolu 8(5) tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif diġa' ġie spjegat aktar 'il fuq, l-Artikolu msemmi jgħid li *condominus* jista' a spejjez tiegħu jinstalla u jibni kull faċilita' neċessarja li tnaqqas u telimina problemi ta' mobilita' salv li dawn ma joħolqux ebda preġudizzju serju lill-*condomini* l-oħra wara li jitwettaq ix-xogħol jew issir l-installazzjoni.

Illi mill-mod kif inhu miktub Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta jidher ċar li l-leġislatur ma riedx li dan l-artikolu jxekkel l-applikazzjoni ta' Artikolu 8(5) minħabba li speċifikament

Artikolu 8(1) jibda billi jgħid: *"bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5)"*. Konsegwentement l-argumenti fin-Noti dwar l-approvazzjoni tal-*condomini* taħt Artikoli 8(2) u 8(3) tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta jitilfu mill-effikaċja tagħhom ġialadarba huma konsegwenzjali għall-Artikolu 8(1) u allura milquta bl-istess subordinazzjoni ta' l-istess sub-artikolu.

Illi dan huwa rifless ukoll fid-Dibattitu Parlamentari li seħħ fit-13 ta' Marzu 2001 f'Seduta Numru 513 tad-Disa' Parlament fejn intqal is-segwenti:

> "Issa aħna qegħdin immorru *oltre* minn hekk u qegħdin nipproponu li fejn l-istallazzjoni tal-lift ma toħloq l-ebda preġudizzju serju għall-persuni l-oħrajn, u jekk dan il-lift se jsir a spejjeż tal-condominu stess, dak li jkun lanqas iż-żewġ terzi m'għandu bżonn. B'hekk qegħdin inneħħu s-sens ta' piki u ta' affarijiet oħra li xi kultant ikun hemm bil-konsegwenza li jinħolqu sofferenzi kbar lill-persuni li jkollhom bżonn dan il-lift. Apparti l-fatt, Mr Speaker, li llum kif qed isir il-bini, il-lift m'għadux kwestjoni ta' lussu, imma kważi kważi sar kwestjoni ta' neċessita'; speċjalment fejn jidħlu l-eta', il-mard u d-diżabilita'. F'każi bħal dawn il-lift isir importanti daqs iċ-ċavetta tal-bieb, għaliex x'utilita' hemm li toqgħod fir-raba' sular u ma tistax toħroġ mill-flat tiegħek?
>
> <u>Fejn m'hemmx preġudizzju serju, *condominus* wieħed jista' jistalla lift anke mingħajr il-permess ta' l-oħrajn, basta jħallas għall-ispiża hu</u>. Dan l-artiklu se jidħol f'din il-liġi għall-ewwel darba." [emfażi miżjuda]

Illi stabbilit dan li trid tiddetermina l-Qorti huwa jekk l-aġir tal-konvenuti Fleri Soler u ċioe' t-tqattigħ tat-taraġ għad-daqs finali ta' 75 ċentimetri wara li jiġi nstallat lift jikkostitwixxix preġudizzju serju għall-atturi Attard Montalto. Il-Qorti tinnota li sabiex jiġi stabbilit dan wieħed neċessarjament irid jibda billi jqis il-kondizzjoni medika tal-konvenuta Angela Fleri Soler. Mill-provi mressqa jidher li l-konvenuta Fleri Soler tbagħti minn numru ta' kondizzjonijiet mediċi li jnaqqsulha mill-mobilita' tagħha. Huwa

veru li ma ttella l-ebda tabib jixhed biex jikkonferma dan bil-ġurament u lanqas ma ġie ppreżentat affidavit minn tobba iżda abbażi tad-dokumenti eżebiti, abbażi tax-xiehda mogħtija minn Dr. Bernard Busuttil u abbażi tal-fatt li l-kondizzjonijiet mediċi tal-konvenuta Fleri Soler ma ġewx kontestati mill-atturi Attard Montalto, il-Qorti ser taċċetta li l-konvenuta Angela Fleri Soler qiegħda tbagħti mill-kondizzjonijiet mediċi msemmija minnha u minn żewġha.

Illi jirriżulta kemm mid-Dibattitu Parlamentari kkwotat hawn fuq u kif ukoll minn ġurisprudenza nostrana li fejn ikun hemm kondizzjonijiet mediċi jrid jingħata ċertu vantaġġ lill-persuni li għandhom dawn il-kondizzjonijiet. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Mejju 2015 fil-kawża fl-ismijiet **Nathalie Dalli et vs. Mario Azzopardi et** (Numru 405/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa miżmum fid-duttrina li *"l'installazione di un ascensore e' stata sempre considerata un'innovazione, se diretta al miglioramento, all'uso piu' comodo o al maggior godimento delle cose comuni; e cio' puro se l'intervento comporti un taglio parziale delle scale comuni o la sottrazione di una parte del cortile comune o una modifica della destinazione della tromba delle scale dei pianerottoli od anditi, posto che, pur eliminandosi la possibilita' di un certo tipo di godimento, se ne offrirebbe uno differente di contenuto piu' ampio e completo. Secondo giurisprudenza consolidata, di innovazione si tratterebbe pure se l'istallazione dell'impianto di ascensore fosse effettuata a cure e spese di uno o piu' condomini, fermo il diritto degli altri di partecipare al godimento in un secondo tempo...*[16]."

Illi l-Qorti, wara li qieset il-kostatazzjonijiet tal-periti maħturin minnha u l-argumenti tal-partijiet, issib li, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li għandha quddiemha, meta jsir tqabbil bejn il-benefiċċju miksub mill-atturi u mill-binja bit-tqegħid tal-lift u l-iskomdu jew ħsara li jġarrbu l-imħarrkin, il-miżien ixaqleb favur l-atturi. Fl-ewwel lok, il-

[16] G Alpa & V Mariconda Codice Civile Commentato (2a Ediz, 2009) Vol. I, paġ. 2809.

> konsiderazzjoni tal-istat ta' saħħa ta' sid kondominali fit-twettiq ta' tiġdid jew titjib fil-partijiet komuni ta' binja kondominali għandha tkun kriterju li Qorti jmissha tqis biex tkejjel is-siwi ta' oġġezzjonijiet għat-titjib mis-sidien kondominali l-oħrajn. Il-Qorti ma ngħatatx raġuni biex taħseb li l-attriċi kienet qiegħda tivvinta l-kundizzjoni medika tagħha minn żniedha biex tqanqal kwestjoni ta' ħniena u ħasra. F'dan ir-rigward, huwa aċċettat li *"in genere la giurisprudenza si e' mostrata assai sensibile nei confronti dei soggetti portatori di handicap, ritenendo per loro legittima l'installazione, a proprie spese, di ascensori o servo-scala, pure quando l'intervento determini un minor godimento delle cose comuni per gli altri condomini*[17]*"."*

Illi l-Qorti tinnota li ma teżistix gwida speċifika dwar x'jikkostitwixxi preġudizzju serju. F'dan ir-rigward il-Qorti terġa' tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Nathalie Dalli et vs. Mario Azzopardi et** (Numru 405/2008) hawn fuq kwotata, fejn ingħad hekk:

> "Illi biex wieħed jara jekk il-preġudizzju huwiex wieħed serju f'dan il-kuntest, jidher li ma hemmx regola fissa u determinata minn qabel, u li l-kejl irid jitqies minn każ għal każ. X'aktarx ikun meħtieġ li jsir tqabbil bejn il-vantaġġ li sejjer jew jista' jikseb il-kondominus li jrid iżid il-faċilita' mal-ħsara serja li jġarrab jew iġarrbu l-kondomini l-oħrajn bl-eżistenza tal-istess faċilita' li dwarha hu jew huma ma jkunux jaqblu."

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li għadu kemm ingħad, huwa meħtieġ li l-Qorti tikkunsidra l-kondizzjonijiet tal-attriċi Josephine Attard Montalto stante li parti mill-ħsara allegata ser issofriha l-istess attriċi msemmija. Minkejja li anke f'dan il-każ ma tressaq l-ebda tabib jikkonferma l-kondizzjonijiet mediċi msemmija minnha, minħabba li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar dan il-Qorti ser taċċetta li anke l-attriċi Attard Montalto ssofri minn ċertu kondizzjonijiet mediċi li jnaqqsulha l-mobilita' tagħha.

[17] *Ibid*. paġ. 2814.

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-preġudizzju lmentat mill-atturi Attard Montalto. Huma jilmentaw li lanqas ikunu jistgħu jibdlu l-għamara għax ma għandhomx post ieħor minn fejn idaħħlu din l-għamara. Apparti l-fatt li, u dana jingħad biss bħala parenteżi, li l-Qorti tikkunsidra li l-għamara ġeneralment tkun żarmata u anke għal dawk il-biċċiet tal-għamara li ma tkunx żarmata l-Qorti ma hijiex konvinta li ma jistax jsir tibdil strutturali sabiex tkun tista' tiddaħħal l-għamara minn post ieħor, fl-aħħar mill-aħħar il-Qorti tqis li dan l-ilment ma jikkostitwixxix preġudizzju serju a tenur ta' Artikolu 8(5) tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar l-ilment l-ieħor imressaq u cioe' li l-attriċi Josephine Attard Montalto trid iġġorr ix-xirja f'bilanċ, il-Qorti tinnota li l-istqarrijiet imressqa mill-atturi Attard Montalto f'dan ir-rigward jillimitaw ruħhom għal i*status quo* kurrenti u ma jestendix għaċ-ċirkostanza fejn il-wisa' tat-taraġ tkun ta' 75 ċentimetri u għalhekk il-Qorti ma hijiex tal-fehma li dan l-ilment jikkostitwixxi preġudizzju *a tenur* ta' Artikolu 8(5) tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-atturi Attard Montalto lmentaw ukoll li bil-wisa' tat-taraġ ma jkunx jista' jgħaddi *wheelchair* u lanqas *stretcher.* F'dan ir-rigward l-atturi jiċċitaw avveniment fejn l-attriċi Josephine Attard Montalto ħassitha ma tiflaħx u kellha tinġieb l-ambulanza għaliha u li l-i*stretcher* ma għaddhiex mit-taraġ u li l-paramedici ma ġarrewx lill-attriċi fuq *wheelchair.* Bħala stat ta' fatt jingħad li dawn il-paramediċi ma xehdux f'dawn il-proċeduri pero' minkejja dan ma jidhirx li huwa kkontestat dak li ngħad mill-konjuġi Attard Montalto fir-rigward ta' dan l-episodju pero' l-Qorti hija tal-fehma li l-għażla tal-paramediċi li ma jużawx il-*wheelchair* u iżda li jieħdu r-riskju li jġorru lill-attriċi Attard Montalto huwa sintomatiku ta' ċerta diffikulta' li wieħed jgħaddi mit-taraġ.

Illi f'dan ir-rigward jekk wieħed iqis dak li qal Cleaven-Ray Mizzi fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 290 *et seq.*) u ċioe' li *wheelchair* għandu wisa' ta' 69 ċentimetri meta mqabbel mal-wisa' kurrenti ta' 68 ċentimetri wieħed jifhem li *wheelchair* mhux sejjer jgħaddi u dan b'mod speċjali meta wieħed iqis id-daqs tal-poġġaman mad-daqs ta' taraġ ta' 68

ċentimetri wieħed malajr jinduna li *wheelchair* mhux ser jgħaddi minn fuq dak it-taraġ!

Illi jidher ukoll minn dak li qal Cleaven-Ray Mizzi li bħalissa t-taraġ huwa anqas milli ser ikun meta jispiċċa x-xogħol. B'mod partikolari, Mizzi jgħid li t-taraġ ser jiġi 75 ċentimetri. Anke jekk wieħed ineħħi l-poġġaman dan ifisser li biex jgħaddi *wheelchair* minn dan it-taraġ l-unika spazju li jifdallu huwa ta' sitt (6) ċentimetri u ċioe' tliet (3) ċentimetri fuq kull naħa. Din il-Qorti hija tal-fehma li dan huwa ftit wisq speċjalment f'każ ta' xi emerġenza.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-installazzjoni tal-lift in kwistjoni mhux ta' preġudizzju fih innifsu. Li pero' tqis din il-Qorti huwa li t-tnaqqis ta' l-aċċess għall-appartament tal-atturi Attard Montalto għal 75 ċentimetri għandu jitqies ta' preġudizzju serju ġaladarba tliet (3) ċentimetri fuq kull naħa ma humiex biżżejjed sabiex jgħaddi *wheelchair*. Il-Qorti tikkunsidra li anke jekk jinbidel il-poġġaman, dan xorta ser jieħu xi spazju u għalhekk ser jieħu minn dawn is-sitt (6) ċentimetri.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-*wheelchair*, il-Qorti tinnota li ma għandha għalfejn tagħmel l-ebda kumment fir-rigward ta' *stretcher* u dan *stante* li ma ġie ppruvat xejn f'dan ir-rigward.

Illi, in vista ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li d-daqs finali ta' 75 ċentimetri tat-taraġ ser jikkawża preġudizzju serju lill-atturi Attard Montalto u b'hekk, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-Qorti ser tilqa' l-ewwel (1) talba tagħhom.

**It-Tieni (2) u t-Tielet (3) Talba**
**(Tiddikjara li dawn ix-xogħlijiet ma jistgħux isiru u jitkomplew mingħajr il-kunsens u approvazzjoni tal-atturi Attard Montalto)**

**(Tikkundanna lill-konvenuti Fleri Soler jirrintegraw lill-atturi fid-drittijiet kollha tagħhom billi jagħmlu x-xogħlijiet kollha neċessarji biex l-atturi jkollhom l-istess aċċess għall-appartament tagħhom li kellhom qabel ma bdew ix-xogħlijiet jew li jnaqqsu l-wisa' tal-*passenger lift* b'tali mod li l-aċċess għall-appartament tal-**

**<u>atturi jkun biss minimament imnaqqas u għalhekk jassikuraw l-i*status quo ante* fi żmien qasir u perentorju li tistabbilixxi l-Qorti):</u>**
Illi l-Qorti ser tistħarreġ dawn iż-żewġ talbiet flimkien u tibda billi tirrimarka li, hekk kif iddeċidiet qabel, il-preġudizzju serju jimmanifesta ruħu sa fejn l-atturi Attard Montalto ma jkunux jistgħu jgħaddu b'*wheelchair*. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li jekk wieħed jikkunsidra dak li qal Cleaven-Ray Mizzi fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 290 *et seq.*) fejn isemmi li *wheelchair* għandu wisa' ta' 69 ċentimetri u jgħodd miegħu l-wisa' tal-poġġaman eventwali li ser jiġi nstallat, wisa' ta' 75 ċentimetri żgur mhux biżżejjed.

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tagħmel riferenza għal konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) talba tal-atturi b'dan illi dawn il-konsiderazzjoniiet għandhom japplikaw ukoll għat-talbiet in eżami.

<u>Illi fil-fehma tal-Qorti jekk wieħed b'kollox iħalli 10 ċentimetri spazju fuq id-daqs ta' 69 ċentimetri jkun biżżejjed sabiex *wheelchair* ta' daqs tradizzjonali jkun jista' jgħaddi</u>. F'din il-konsiderazzjoni l-Qorti poġġiet fil-keffa tal-miżien daqs eventwali tal-poġġaman li għandu jitwaħħal stante li l-konvenuti Fleri Soler qalu li kienu sejrin jibdluh. Qabel ma waslet għal din il-konklużjoni l-Qorti rat dak li qal il-Perit Mark Arrigo fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 296 *et seq.*) b'mod partikolari r-rimarki li għamel dwar id-daqs tat-taraġ. Il-fatt li l-Awtorita' tal-Ippjanar aċċettat dan id-daqs, kif allegat mill-istess Perit, f'każijiet oħra ma jfissirx li fil-każ tal-illum daqs ta' 75 ċentimetri mhux ser jirriżulta fi preġudizzju serju għall-atturi Attard Montalto.

Illi hija l-fehma tal-Qorti li jekk id-daqs tal-wisa' ta' taraġ jinżamm għal dak indikat minnha (u ċioe' mhux anqas minn wisa' ta' 79 ċentimetri) ma jkunx hemm preġudizzju lill-atturi Attard Montalto għalhekk il-Qorti ser tilqa' limitatament it-tieni (2) talba tal-atturi b'dana li jekk it-taraġ wara x-xogħlijiet ser ikun inqas minn dak indikat minnha jkun hemm bżonn il-kunsens u l-approvazzjoni tal-atturi Attard Montalto.

Illi dwar it-tielet (3) talba din ukoll ser tintlaqa' limitatament b'dan illi l-konvenuti Fleri Soler għandhom inaqqsu l-wisa' tal-lift ħalli l-wisa' tat-taraġ li jwasslu għall-appartament ta' l-atturi Attard Montalto ma għandhomx ikunu ta' wisa' ta' anqas minn 79 ċentimetri ladarba jispiċċaw ix-xogħlijiet.

Illi jekk dawn ix-xogħlijiet ma jsirux fi żmien sitt xhur mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, il-Qorti ser tawtorizza lill-atturi Attard Montalto jirrintegraw it-taraġ li jagħti għall-appartament tagħhom għad-daqs indikat minnha u dan taħt id-direzzjoni tal-Perit Marie Louise Caruana Galea li ser tiġi nominata għal dan il-għan.

**Ir-Raba' (4) Talba**
**(Fil-każ li jgħaddi z-żmien mogħti inutilment, tawtorizza lill-atturi Attard Montalto jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji huma stess spejjez tal-konvenuti Fleri Soler):**
Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tilqa' limitatament din it-talba sa fejn it-taraġ li jagħti għall-appartament tal-atturi Attard Montalto jiġi rintegrat fil-qies ta' 79 ċentimetri.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tinnota li

- b'digriet mogħti fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2021 (*a fol.* 373 *et seq.*) Michael u Maria Therese sive Maryse konjuġi Attard Montalto ġew estromessi mill-kawża u f'liema digriet il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem il-konjuġi John u Josephine konjuġi Attard Montalto wara l-mewt ta' Adrienne Attard Montalto,

- fl-10 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 22) l-atturi Attard Montalto ċedew il-kawża fil-konfront tas-soċjeta' Advent Lifts Services Limited u b'hekk il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kawża fil-konfront tas-soċjeta' imsemmija,

taqta' u tiddeċiedi billi

1. Tiċħad l-ewwel (1) eċċezzjoni preliminari mressqa mill-konvenuti Fleri Soler;

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti Fleri Soler sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza;

3. Tilqa' l-ewwel (1) talba tal-atturi Attard Montalto hekk kif dedotta fir-Rikors Maħluf tagħhom;

4. Tilqa' limitatament it-tieni (2) talba tal-atturi Attard Montalto b'dana illi f'każ li l-wisa' tat-taraġ wara x-xogħlijiet ser ikun inqas minn disgħa u sebgħin (79) ċentimetri jkun hemm bżonn il-kunsens u l-approvazzjoni tal-atturi;

5. Tilqa' limitatament it-tielet (3) talba u r-raba' (4) tal-atturi Attard Montalto b'dana illi l-konvenuti Fleri Soler għandhom inaqqsu l-wisa' tal-lift ħalli l-wisa' tat-taraġ li jwasslu għall-appartament ta' l-atturi ma jkunx inqas minn disgħa u sebgħin (79) ċentimetri la darba jispiċċaw ix-xogħlijiet b'dana illi f'każ li t-taraġ li jagħti għall-appartament tal-atturi ma jiġix rintegrat fid-daqs ta' disgħa u sebgħin (79) ċentimetri fi żmien sitt (6) xhur mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, il-Qorti tawtorizza lill-atturi konjuġi Attard Montalto jwettqu x-xogħol huma u għal dan il-għan din il-Qorti qed tinnomina lill-Perit Marie Louise Caruana Galea sabiex f'din l-eventwalita' tagħmel superviżjoni tax-xogħlijiet.

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-konvenuti l-konjuġi Fleri Soler b'dan li l-ispejjeż tal-Perit Marie Louise Caruana Galea, jekk ikun il-każ, għandhom jitħallsu provviżorjament mill-atturi l-konjuġi Attard Montalto.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |